MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 2058/1996/1

**Anthony Desira**

**v.**

**Giovanni sive Gianni Borg u mart l-istess Giovanni sive Gianni Borg ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**
**<u>PRELIMINARI:</u>**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Gunju, 1996 l-attur ppremetta illi fis-17 ta'

Gunju, 1994, waqt illi hu kien qieghed fuq ix-xoghol fl-impjant tas-socjeta` Polidano Brothers Limited, huwa kien garrab incident; illi dan l-incident kien gara meta filwaqt li l-attur kien qieghed bil-wieqfa fuq il-parti ta’ barra ta’ truck tip “*Ready-Mix 8 Wheeler*”, jara’ l-konkos, il-konvenut kien qabad ghall-gharrieda u saq dan it-*truck* minghajr ma ta kaz li l-attur kien qieghed fuq l-istess *truck* fuq barra; illi kif il-konvenut saq it-*truck*, l-attur kien waqa’ mal-art; li b’rizultat ta’ dan l-incident l-attur kien garrab dizabbilita`, b’dan li kellu jitlaq minn xogholu; illi dan l-incident kien kagonat minn negligenza u traskuragni da parti tal-konvenut; illi ghalkemm debitament interpellat jersaq biex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti, il-konvenut kien baqa’ inadempjenti; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti;

1. Tiddikjara li l-konvenut Giovanni Borg kien unikament responsabbli ghall-incident tas-17 ta’ Gunju, 1994 gewwa l-impjant ta’ Polidano Brothers Limited meta l-attur waqa’ minn *truck* u wegga’, u ghad-danni kollha konsegwenzjali;

2. Tillikwida l-istess danni, okkorrendo permezz ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur, in *linea* ta’ danni, dak l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fis-27 ta’ Mejju, 1997 (fol. 13) il-konvenut eccepixxa:

(1) Fl-ewwel lok il-konvenut huwa guvni;

(2) Fit-tieni lok l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

(3) Fil-meritu t-talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenut ma kienx responsabbli ghall-akkadut, jekk jezisti, u ghad-danni allegatament reklamati;

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>:**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-28 ta' Gunju, 2006 bil-mod segwenti:

"Ghalhekk din il-Qorti filwaqt illi qeghda tilqa' limitatament it-tielet eccezzjoni tal-konvenut u dan fis-sens illi l-attur ma sofra l-ebda debilita` permanenti konsegwenza ta' l-incident li sehh fl-14 ta' Gunju, 1994, qeghda tirrespingi u tichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet u ghaldaqstant qeghda tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur u konsegwentement tiddikjara illi l-konvenut Giovanni Borg kien unikament responsabbli ghall-incident tas-17 ta' Gunju, 1994 gewwa l-impjant ta' Polidano Brothers Limited meta l-attur waqa' minn *truck* u wegga, qeghda tillikwida l-istess danni fl-ammont ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma hekk likwidata ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru mil-lum sal-eventwali pagament effettiv.

"L-ispejjez tal-kawza, in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ghandhom jithallsu in kwantu ghal zewg terzi mill-attur u in kwantu ghal terz mill-konvenut."

Is-sentenza appellata qed tigi riprodotta bhala Appendici "A" fl-ahhar ta' din is-sentenza u biex tifforma parti integrali minnha.

**<u>L-APPELLI INTERPOSTI.</u>**

Mis-sentenza riportata bhala Appendici "A" appellaw kemm l-attur kif ukoll, b'mod incidentali, il-konvenut. Infatti l-attur talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza inkwantu laqghet limitatament it-tielet eccezzjoni tal-konvenut u wkoll talli akkollat zewg terzi tal-ispejjez lilu. Il-konvenut, da parti tieghu, qed jitlob li din il-Qorti fl-ewwel lok tichad l-appell tal-attur u konsegwentement tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn laqghet parzjalment it-tielet eccezzjoni tieghu fis-sens illi l-attur ma sofra l-ebda disabbilita` permanenti b'konsegwenza ta' l-

allegat incident tal-14 ta’ Gunju, 1994, u inoltre tilqa’ l-appell incidentali u konsegwentement tilqa’ ghal kollox it-tielet eccezzjoni tieghu u tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellanti.

L-aggravji tal-kontendenti jikoncernaw:-

a) Il-kwistjoni ta’ responsabbilita` billi filwaqt li l-attur isostni li l-ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidied li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-akkadut, il-konvenut isostni li din il-konkluzzjoni kienet skorretta u li huwa ma ghandux jinsab responsabbli fl-ebda proporzjoni ghall-incident;
b) Il-kwistjoni tal-likwidazjoni tad-danni, kemm dawk maghrufa bhala *damnum emergrens* kif ukoll dawk li jaqghu taht il-kap ta’ *lucrum cessans.* L-attur jikkontesta l-fatt li gie akkordat is-somma ta’ LM150 biss bhala *damnum emergens* u li ma nghata xejn bhala *lucrum cessans*. Il-konvenut da parti tieghu jsostni li l-attur ma hu dovut xejn, lanqas taht l-aspett ta’ *damnum emergens* billi ma hemmx konnessjoni bejn l-akkadut u l-griehi lamentati mill-attur. Dwar il-*lucrum cessans* naturalment il-konvenut jikkondividi l-konkluzzjoni li wasslet ghaliha l-ewwel Qorti;

c) Finalment il-kontendenti jikkontestaw ukoll l-ispartizzjoni li saret bejniethom ghal dawk li huma l-ispejjez tal-kawza.

**<u>IKKUNSIDRAT:</u>**

**<u>DWAR IR-RESPONSABBILITA`.</u>**

Fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti kien gie mahtur espert legali biex jezamina l-fatti tal-kaz u jirrelata, fost affarijiet ohra, dwar il-kwistjoni ta’ responsabbilita`. Dan l-espert wasal ghall-konkluzzjoni li mill-assjem tal-provi kien jirrizulta li l-konvenut kellu jirrispondi ta’ l-akkadut meta saq it-truck waqt li kien hemm l-attur jispezzjona l-bajla u li, bhala konsegwenza, waqa’ u wegga’. L-ewwel Qorti, wara li rriproduciet *in estenso* r-rapport tal-perit legali, waslet biex adottat il-konkluzzjoni tal-istess espert f’dik li hija responsabbilita` ghall-akkadut.

Fl-appell incidentali tieghu l-konvenut hassu aggravat b'din id-decizjoni u principalment ilmenta li l-ewwel Qorti "*strahet ghal kollox fuq il-konkluzzjonijiet peritali ta' Dr. Mark Chetcuti u Dr. Peter Fenech, kemm dwar il-kap tar-responsabbilita` kif ukoll dwar il-kap tad-danni minhabba telf effettiv, minghajr ma kkunsidrat jekk l-allegazzjonijiet attrici fir-rigward jirrizultawx pruvati skond il-ligi.*"

Issa kif sewwa gie rilevat mill-espert legali l-kwistjoni dwar ir-responsabbilita` kienet tiddependi fuq il-kredibilita` tal-partijiet minhabba diversi fatturi li kien hemm prezenti, mhux eskluza r-riluttanza ta' xi uhud mix-xhieda li jghidu dak li raw jew setghu raw. Ghalhekk il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti fuq dan il-kap kienet apprezzament pur u semplici tal-provi. Izda, kuntrarjament ghal dak li gie sottomess mill-konvenut, l-ewwel Qorti ma qaghditx biss fuq dak li kkonkluda l-espert legali izda fil-pagna 22 tas-sentenza tghid espressament hekk:

"Mill-aspett fattwali, din il-Qorti qrat, u regghet qrat l-atti processwali kollha inkluz il-provi li gabu l-partijiet fuq dan il-kaz u hija l-fehma konsidrata taghha illi l-incident de quo sehh verament tort tal-konvenut."

Jidher ghalhekk li l-ewwel Qorti ghamlet ezami akkurat tal-provi migjuba quddiemha u waslet ghall-istess konkluzzjoni li wasal ghaliha l-espert minnha mqabbad. Din il-Qorti, ezaminati l-atti, tikkondividi l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti u konsegwentement ma ssib xejn x'tiddisturba f'dak li qalet dik il-Qorti fir-rigward. Konsegwentement l-aggravju tal-konvenut mhux gustifikat u ser jigi michud.

**IKKUNSIDRAT:**

**DWAR IL-LIKWIDAZZJONI TAD-DANNI.**

Kif gja rajna aktar 'l fuq l-attur jilmenta kemm mil-fatt li nghata biss is-somma ta' LM150 bhala risarciment tad-*damnum emergens* u dana fuq bazi *arbitrio boni viri*, kif

ukoll mill-fatt li l-ewwel Qorti skartat r-rapport tal-ewwel espert mediku Mr Carmel Sciberras – li kien akkorda dizabbilita` ta' 15% fl-attur – kif ukoll id-diversi provi li ngiebu senjatament ta' tobba ohra u tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali – li donnhom, ighid l-attur, jikkonfortaw il-konkluzzjoni tal-espert Mr Carmel Sciberras – u strahet fuq ir-rapport tal-esperti medici addizzjonali cioe` il-Profs Griffiths u Mr Charles Grixti, li kkonkludew li l-attur ma kellu ebda dizabbilita` assocjata ma' dan l-incident.

Fir-rikors ta' l-appell ta' l-attur l-abbli difensur tieghu jaghmel rassenja ta' diversi provi li tressqu biex juri li effettivament l-attur sofra dizabbilita` bhala risultat ta' dan l-akkadut; biss din il-Qorti tosserva li, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, ghalkemm il-Qorti mhux tenuta taccetta rapport jekk dan ikun mhux ragjonevoli, ir-rapport fih innifsu, specjlament meta jittratta dwar aspetti teknici, jikkostitwixxi prova li ghandha tigi kkunsidrata mill-Qorti.

Issa fil-kaz in ezami jidher li l-Qorti kienet rinfaccjata b'zewg konkluzzjonijiet konfliggenti. Rapport ighid li l-attur effettivament kellu dizabbilita` permenenti bhala rizultat ta' dan l-akkadut, mentri rapport iehor jichad dan b'mod assolut. Irrizulta li l-attur ghandu xi deformazzjoni zghira fl-ispina dorsali pero` ma rrizultax li dina kienet giet kkawzata bl-incident. Anzi l-provi juru li kienet pre-ezistenti l-incident. Kien ghalhekk li kien relevanti hafna l-ezami kliniku li ghamlu l-esperti medici addizzjoni fejn irrilevaw is-segwenti:

"Desira gie ezaminat ghall-fini ta' dan ir-rapport fit-23 ta' Settembru tas-sena 2002. Il-pazjent kien xi hames piedi u hdax-il pulzier mit-tul u kien jizen mija u hamsa kilo (105kg).

"Is-sinsla lumbo-sakrali kienet tidher dritta. Huwa kellu movimenti tajba fid-dahar kemm meta tbaxxa l-quddiem u kemm meta xxabbat lura, kif ukoll meta xxaqleb lejn ix-xellug u lejn il-lemin.

"Meta ezaminajna s-sistema nervuza sibna li it-'tendon reflex' f'saqajh il-leminija u dik xellugija kienu normali.

"Kellu s-sahha kollha f'saqajh it-tnejn. Il-hass ghall-labra f'saqajh it-tnejn kienu normali.

"Stajna nghollulu saqajh il-leminija u x-xellugija bi dritt ghal disghin grad (90) u meta stirajna n-nervituri ma kien hemm l-ebda sinjal ta' ugigh minn naha ta' Desira.

"Meta ghafasna s-sinsla tad-dahar Desira ma hass l-ebda ugigh."

Minn dan l-ezami jirrizulta l-ma kien hemm ebda hsara fisika li setghet teffettwa avversament lill-attur. Minn dan l-esperti setghu jaslu biss ghall-konkluzzjoni wahda u cioe` li l-attur ma kellu ebda dizabbilita` permanenti. Kuntrarjament kienu jiddikjaraw li persuna li ma jidhirx li ghandha ebda nuqqas ta' mobilita` jew li ma ghandhiex ugieh, tkun qed issofri minn disabbilita` inezistenti.

Din il-Qorti, f'dawn ic-cirkostanzi, taqbel mad-decizzjoni ta' l-ewwel Qorti meta dik il-Qorti strahet fuq il-konkluzzjonijiet tal-esperti medici mqabbda minnha. Dan l-aggravju ta' l-attur ghalhekk mhux gustifikat u ser jigi michud.

Qed isir ukoll ilment, f'dan il-kaz miz-zewg kontendenti, dwar l-ammont likwidat ghad-*damnun emergens* fis-somma ta' LM150. L-attur isostni li dan huwa ammont zghir wisq tenut kont tal-fatt li wara l-incident huwa kellu jinvista diversi tobba u l-ammont akkordat ma jirrispekkjax l-ammont ta' LM399 indikat fin-nota tieghu. Il-konvenut, ghal kuntrarju, jsostni, fl-ewwel lok li l-attur ma ressaq ebda ricevuta biex jissostanzja dak li kien qed jigi allegat minnu dwar spejjez. Inoltre l-konvenut isostni li, gjaladarba ma rrizultatx disabbilita` permanenti fl-attur, dan ma hu intitolat ghal ebda rizarciment.

Issa huwa minnu li ma gewx ipprezentati ricevuti, izda din il-Qorti tosserva li, kif sewwa ikkonkludiet l-ewwel Qorti, <u>kien sehh incident</u>. Din il-konkluzzjoni tirrizulta cara mill-istess kwotazzjoni li l-konvenut ghamel mis-sentenza appellata u cioe` meta l-ewwel Qorti qalet *"Desira ma ghandu l-ebda disabbilita` permanenti <u>b'kagun ta' l-</u>*

*accident li kellu fl-1996.”* Hawn il-Qorti, kif gja` kienet ikkonfermat fi bnadi ohra tas-sentenza appellata, fir-realta` tiddikjara li l-attur kien involut fl-incident meritu tal-kawza. Il-fatt li l-attur ma kellux dizabbilita` permanenti ma jfissirx li huwa ma hass jew ma sofra xejn. Il-visti lit-tobba mhux kontestati u ma jidhirx li dawn saru minhabba xi kundizzjoni pre-esistenti ghall-akkadut. Ghalhekk certament l-attur zborza xi spejjez, anke jekk f’xi okkazzjonijiet kien jinqeda bl-isptar tal-Gvern. Din il-Qorti ghalhekk tara li ghamlet sewwa l-ewwel Qorti meta llikwidat dan l-aspett tad-danni *arbitrio boni viri.* F’dan is-sens l-appell tal-attur u l-appell incidentali tal-konvenut fir-rigward qed jigu t-tnejn michuda.

**IKKUNSIDRAT:**

Finalment l-partijiet jikkontestaw il-kap ta’ l-ispejjez. L-attur jsostni li gialadarba l-konvenut instab responsabbli ghall-akkadut huwa ghandu jbati l-ispejjez kollha tal-kawza. Il-konvenut isostni li stante li ma rrizultatx dizabbilita` permanenti fl-attur, dan ghandu jigi akkollat l-ispejjez kollha.

F’dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li fil-premessi tac-citazzjoni l-attur allega li, bhala rizulta tal-incident mertu tal-kawza, huwa kien sofra dizabbilita` permanenti u konsegwentement wiehed kien jistenna li fost id-danni likwidabbli l-Qorti takkorda somma ghal din id-dizabbilita`. Irrizulta pero` li l-attur ma kellux dizabbilita` permanenti u dan qed jigi konfermat f’dan l-istadju tal-proceduri, u ghalhekk certament l-attur ghandu jbati parti mill-ispejjez zejda li gew inkorsi minhabba l-allegazzjoni inveritjera tieghu. B’dana kollu l-attur huwa in parti korrett fis-sottomissjoni tieghu billi l-iskop principali tal-kawza huwa li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-incident u hija haga sekondarja, ghalkemm daqstant importanti mil-lat prattiku, kemm ikunu d-danni akkordati – tant hu hekk li t-talba hija ghall-somma *da liquidarsi.* In effetti gew likwidati danni, ghalkemm mhux kemm l-attur kien qed jippretendi. Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-

konvenut, bhala l-persuna li tat lok ghal din il-kwistjoni kollha minhabba l-agir irresponsabbli tieghu, ghandu jbati l-parti kbira tal-ispejjez billi jhallas $^{2}/_{3}$ filwaqt li l-attur jigi kundannat ihallas $^{1}/_{3}$.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija kemm l-appell principali kif ukoll l-appell incidentali qed jigu michuda, apparti l-kwistjoni tal-kap ta' l-ispejjez, u f'dan is-sens biss is-sentenza appellata qed tigi kkonfermata. Ghar-rigward tal-kap tal-ispejjez is-sentenza appellata qed tigi riformata billi qed tigi revokata dik il-parti fejn ikkundannat lill-attur biex ihallas zewg terzi u l-konvenut ihallas terz, billi tordna li l-ispejjez kollha, kemm dawk tal-prim istanza u dawk ta' dan l-appell jigu sopportati kwantu ghall-$^{1}/_{3}$ [terz] mill-attur u $^{2}/_{3}$ [zewg terzi] mill-konvenut.

Deputat Registratur
Lb

**<u>APPENDICI "A":</u>**

Kopja shiha tas-sentenza appellata qeghda tigi riprodotta ma' din l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------